**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 20 ta' Lulju, 2019**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Lydon Zammit)**

**vs**

**Johan Micallef**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Johan Micallef detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 173575M

1. Akkuzat talli fid-19 ta' Lulju 2019 ghal habta tal-hdax u nofs ta' filghodu gewwa l-bini tal-Qorti ta' Malta gewwa l-Belt Valletta, fil-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali, quddiem il-

Magistrat Dr. Monica Vella LL.D. ta xhieda falza fi proceduri kriminali dwar suggett ghall-piena akbar mill-piena ta' prigunerija ghal żmien sentejn sew kontra kemm favur il-persuna akkuzata skond Artikoli 104(1) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

2. Fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, halef falz quddiem l-Magistrat Dr. Monica Vella LL.D. li kellha s-setgha bil-ligi li taghti l-gurament skond l-Artikoli 108 (1) (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi irrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 20 ta' Lulju, 2019 (esebit a fol. 12 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti waqt l-udjenza ta' nhar l-20 ta' Lulju, 2019 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 104(1), 108(1), 49 u 50 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sentejn (2) prigunerija.

**Magistrat**

**Graziella Abela**

**Deputat Registratur**